ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)    IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 31    IL-ĠIMGĦA, 23 TA' ĠUNJU 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar Il-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju 2017 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Bjorn Azzopardi – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Renald Falzon - Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Il-Viċi Sindku Jesmond Aquilna** ippresjeda il-laqgħa peress li s-Sindku Rosianne Cutajar irriżenjat minn Sindku għaliex ġiet eletta fil-Parlament ta' Malta.

Il-Viċi-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**31/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**31/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji peress li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti.

.

**31/02 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' SINDKU**

**31/02/01** **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** qara u iffirma d-dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku.

**Is-Sur Jesmond Aquilina ġie** iddikjarat bħala Sindku ta' Ħal Qormi.

**L-ex Sindku Rosianne Cutajar** ppreżenta u libbes l-Insinja ta' Sindku lis-Sur Jesmond Aquilna.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** irringrazzja lill-Kunsilliera kollha preżenti u kompla jippresiedi l-laqgħa.

**Għaldaqstant skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, f'dan il-każ is-Sur Jesmond Aquilina u s-Sur Kenneth Brincat huma l-firmatarji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi.**

**31/03 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' VIĊI SINDKU**

**31/03/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** saqsa lill-**Kunsillier Bjorn Azzopardi** jekk jaċċettax il-ħatra ta' Viċi Sindku.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** qara u ffirma d-dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi Sindku, u s-Sindku ddikjarah bħala Viċi Sindku ta' Ħal Qormi.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** irringrazzja lill-membri kollha preżenti.

**31/04 DISKORS TAS-SINDKU**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** indirizza l-ewwel diskors tiegħu bħala Sindku li jikkonsisti f'dan li ġej:-

*Għeżież Viċi-Sindku, Kunsilliera, Seg Ezekuttiv, Staff tal-Kunsill, Sinjuri.*

*Huwa ta'unur kbir ghalija illi ghat-tieni darba se nkun qieghed inservi l-Belt Pinto bhala Sindku. Insellem u nawgura wkoll lil Bjorn Azzopardi fil-kariga ta' Vici Sindku.*

*Nibda billi nsellem lis-Sindki kollha preċedenti George Portelli, Alfred Mallia. Clyde Puli, Roderick Galdes u Rosianne Cutajar u l-Kunsilliera kollha li taw sehemhom anke kunsilliera li llum m'għadomx maghna Carmelo Schembri, Frans Ebejer u Thomas Harmsworth.*

*Ninsabu ftit aktar minn nofs ta' dan is-7 Kunsill, Kunsill li beda taħt it-tmexxija tas-Sindku Rosianne Cutajar li issa sejra tirrappreżentana fil-Parlament Malti flimkien mal-ex Sindki Roderick Galdes u Clyde Puli.*

*Fl-aħħar elezzjoni ħareġ ċar kemm il-Kunsilli Lokali u l-ħidma tal-Kunsilliera qiegħda tkun apprezzata dan wara numru ta' Sindki u kunsilliera ġew eletti fil-Parlament.*

*Bla dubju l-Kunsilli Lokali saru parti integrali mill-ħajja tan-nies. Huma l-aqwa punt ta' servizz għal pubbliku,huma ta' għajnuna għal-Għaqdiet lokali huma l-ħarriesa tal-Patrimonju u l-Wirt storiku, huma ta' għajnuna fl-edukazjoni, huma l-ħarsien tal-ambjent, huma responsabli mill-ordni pubbliku u tant funzjonijiet oħra fosthom il-ħarsien Soċjali u l-ħidma fost iż-Żagħżagħ u l-Familja Qormija.*

*Mingħajr dubju t-tmexxija tiegħi sejra tkompli tibni u tlesti l-progetti ga mibdija li jinkludu ix-xogħlijiet ta' bdil ta' bankini f'diversi toroq, il-proġett innovattiv ta' Parking Availability Sensors, introduzzjoni ta' ebikes, il-proġett ta' tisbih ta' bejn iċ-ċimiterju u l-piċċ 5 aside, il-proġett ta' tisbiħ ta' quddiem il-Knisja ż-Żghira ta' San Sebastjan, u l-asfaltar tat-toroq ta' Triq San Pietru/San Pawl u Triq Ħ'Attard. Sejrin ukoll naraw l-effett tal-miżura tat-twettiq tat-toroq, aktar ordni fit-toroq tagħna u fuq kollox aktar indafa fit-toroq u fiż-żoni miftuħa li għandna.*

*It-tmexxija tiegħi se tkun waħda miftuħa kemm għas-suġġerimenti u sejra tagħti kull opportunita lil kull kunsillier li jwettaq il-ħidma tiegħu. Kull min jixtieq jaħdem se jkollu kull opportunita' jagħmel dan.*

*Se nidħol għal dan l-impenn b'kuxjenza nadifa anke sfortunatament wara li din il-ġimgha dehru xi artikli fuqi fil-Media. Inserraħ ras kull kunsillier illi jien Jesmond Aquilina dejjem mxejt b'mod rett f'kull organizzazzjoni li ħdimt fiha u*

*dejjem rajt li l-valuri tal-onesta u transparenza jigu mħarsa anke meta kelli ngħaddi minn sagrifiċċji u attakki personali.*

*Hekk ukoll għandna u nipretendi li ghandna nahdmu bejnietna. Ghandna ninsew l-agendi personali u nahdmu ghal Belt Pinto' mingħajr distinzjoni imma b'għan wieħed li nħallu Ħal Qormi dejjem aħjar u isbaħ milli sibnih.*

*Filwaqt li nirringrazja lil kulħadd nawgura aktar ħidma b'risq il-Belt Pinto.*

*VIVA Ħal Qormi*
*VIVA CITTA PINTO*

**31/05 AĠĠORNAMENT**

**Qabel l-aġġornament, is-Sindku Jesmond Aquilina u l-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi ħadu l-ġurament ta' ħatra quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja, Dr Ian Micallef.**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna l-laqgħa.**

Peress li din il-laqgħa sseħjet b'mod urġenti, il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss hija ġa skedata għat-3 ta' Lulju 2017.

Il-laqgħa ntemmet fit-6:35 ta' filgħaxija.

| **Iffirmati** | **Iffirmati** |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti kkonfermati llum **It-Tnejn, 3 ta' Lulju 2017**.